# Rapport Annwali
# dwar il-ħidma
# tal-Kunsillier Lokali
# **Charles Bonello**
# għas-sena 2024

**Introduzzjoni**

Hekk kif fis-sena 2024, il-Kunsilli Lokali fakkru t-tletin sena mit-twaqqif tagħhom, nistgħu ngħidu li l-Kunsilli Lokali m'għadhomx meqjusa iktar bħala esperiment imma bħala entita li qegħdin hemm sabiex jibqgħu.

Tul din is-sena, il-ħidma tiegħi bħala kunsillier kompliet b'ritmu qawwi minkejja li f'nofha ghaddejna minn elezzjoni lokali li għal darb'oħra il-poplu tal-Fgura rega eleġġini mal-ewwel għadd b'ammont kbir ta' vot tant li gejt elett fit-tieni post wara s-Sindku.

Sodisfatt ukoll għall-fatt li wara l-elezzjoni ta' ġunju li għadda, ir-responsabilitajiet tiegħi mhux biss zammejthom izda s-Sindku l-ġdid għogbu jzidli dawn ir-responsabilitajiet kif ser naraw iktar tard.

Nemmen li minkejja li l-ħidma ta' kunsillier hija waħda assolutament voluntarja, madankollu nemmen li tul il-legislatura, dawk eletti jridu jsarfu l-fiduċja tal-poplu b'ħafna ħidma favur il-lokalita u r-residenti tagħna.

U huwa propju dan li ppruvajt ngħamel jien anke tul is-sena 2024.

Nitolbok sabiex tieħu ftit mill-ħin tiegħek sabiex taqra dan ir-rapport.

Grazzi ħafna.

**Charles Bonello**

**Kunsillier / Minority Leader**

**Jannar**

Saret il-premjazzjoni tal-Kompetizzjoni tal-Isbaħ Faċċata armata għall-Milied;

Giet organizzata it-tieni edizzjoni tal-Wirja Ħiliet il-Fgura u li fiha hadu sehem tlett artisiti lokali : Yasmin Askiar, Christ Bonello u Victor Schembri;

**Frar**

Ġiet organizzata it-tielet edizzjoni tal-Wirja Ħiliet il-Fgura u fiha hadu sehem 3 artisti li huma : Joe Francalanza, Kenneth Linwood u Censina Monreal ;

Saret l-inizjattiva għat-tfal "Inpinġu għall-Karnival" fejn ħadu sehem ammont sabiex ta' tfal mill-Fgura jew li jattendu l-iskola tal-Fgura billi ħolqu maskra għall-karnival b'uħud minnhom minn materjal riċiklatt ;

Fil-11 ta' Frar ġie organizzat il-Karnival fi Triq Hompesch (quddiem l-Ufficcju tal-Kunsill Lokali). Din kienet ukoll attivita oħra suċċess b'mijiet ta' nies inkluz ħafna tfal li attendew. Ta' min wieħed jinnota li din l-attivita qed izzid fl-attendenza kull sena;

**Marzu**

Saret il-pubblikazzjoni annwali tal-ktieb tal-wirjiet marbuta mal-Ġimgħa Mqaddsa. Dan il-ktieb jinkludi fih il-wirjiet kollha li jkunu qed jiġu organizzati fil-Fgura kif ukoll il-funzjonijiet reliġjuzi kollha. Ma dawn saret ukoll pubbliċita dwar il-Mixgħela ta' Ħamis ix-Xirka. Dan il-ktieb tqassam b'xejn f'kull dar fil-lokal ;

Fil-15 ta' Marzu ġiet inawgurata l-Wirja tal-Ġimgħa Mqaddsa fil-Bini tal-Kunsill Lokali. Din il-wirja ssir bil-għajnuna tas-Sur Keziah Ellul kif ukoll esebituri oħrajn. Waqt iċ-ċerimonja tal-inawgurazzjoni inghata token lil dawk kollha, individwi u għaqdiet li jgħatu l-kontribut tagħhom fiċ-ċelebrazzjonijiet tal-Ġimgħa Mqaddsa ;

Fit-28 ta' Marzu ġiet organizzata l-Mixgħela ta' Ħamis ix-Xirka. F'din l-edizzjoni kabbarna iktar kemm l-attivita kif ukoll dak li jiġi esebit. Din kienet attivita oħra suċċess fejn eluf ta'

nies zaru l-Fgura. Din l-attivita issa saret waħda stabbilita fil-kalendarju tal-lokal kif ukoll tkun mistennija kemm mill-Fgurin kif ukoll minn dawk li jigu jzuruna ;

Waqt il-Mixgħela ta' Ħamis ix-Xirka il-Kunsill Lokali bil-għajnuna tal-Kummissjoni Festa Esterna ksirna record tal-ikbar ammont ta' xemgħat f'post wieħed billi meta ingħaddu x-xemgħat kollha mixgħula, dawn ammontaw ghal 10,692 xemgħa ;

**April**

Ġiet organizzata ir-raba edizzjoni ta' Ħiliet il-Fgurin u f'din l-edizzjoni ħadu sehem 3 artisti oħrajn li kienu : Christian Brincat, Josef Brincat u Maria Tanti Lombardo.

*Nota : Minkejja li l-ħidma tiegħi fuq livell ta' kunsillier baqet għaddejja, fuq ordni tas-Sindku, tul ix-xhur ta' Mejju u Gunju ma setgħu jiġu organizzati ebda attivitajiet minħabba li kienet ġejja l-elezzjoni lokali*

**Gunju**

Fit-8 ta' ġunju saret l-elezzjoni għall-Kunsill Lokali tal-Fgura fejn ghat-8 darba ġejt elett mal-ewwel għadd bl-ammont ta' 1235 vot (kwazi zewg kwoti). Nixtieq nirringrazzja lir-residenti tal-Fgura għall-appoġġ li tawni għal darb'oħra f'din l-elezzjoni.

Wara l-elezzjoni, is-Sindku l-ġdid Clayton Cascun Portelli reġa għabbini bir-responsabilita tal-ħidma li kelli fil-Kunsill preċidenti cioe l-Ambjent, il-Kultura u l-Wirt Storiku. B'sodisfazzjoni, ma dawn ir-responsabilitajiet, is-Sindku għogbu jgħatini ukoll ir-responsabilitajiet tal-Ħidma Internazzjonali, Ġemelaġġi u s-Siġar.

**Settembru**

Wara li fix-xhur ta' Lulju u Awwissu għamilt pjan ta' ħidma u ġie approvat mill-Kunsill Lokali, f'Settembru ssoktajt bil-ħidma tiegħi.

Infatti fis-27 ta' settembru inawgurajna l-ħames edizzjoni ta' Ħiliet il-Fgura u għal din il-wirja ħadu sehem : Michael Curmi, Sylvana Cutajar u Marlene Grech.

**Novembru**

Permezz ta' skema tal-Gvern u bil-koperazzjoni tal-Iskejjel Primarji varajna inizjattiva ta' Waste Reduction Initiative billi pprovdejna recipjenti tal-iskart fejn l-istudenti jistghu jarmu l-fdalijiet tal-ikel bhal qxur tal-frott ecc u permezz ta prodott apposta, dan il-materjal isir compost. B'hekk inkunu qed innaqsu l-iskart u nghatu nutrijenti tant mehtiega lis-sigar u l-pjanti tal-iskola.

Ghal din l-inizjattiva ghamilna cerimonja zghira fl-iskola fejn l-istudenti hadu l-ewwel inizjattivi fuq dan il-progett

**Dicembru**

FL-1 ta Dicembru 2025 giet inawgurata l-Wirja ta' presepji fl-Ufficcju tal-Kunsill Lokali. F'din l-esebizzjoni, l-esebitur principali kien Keziah Ellul u hadu sehem ukoll Kieran Caruana kif ukoll membri anzjani li jattendu d-Day Centre fejn esebixxew numru ta presepji li saru fid-Day Centre stess.

Matul dan ix-xahar saret il-prezentazzjoni ta' flus ta' iktar minn Eur1000 lil Dar Bjorn u li kienet migbura waqt l-attivita tal-Milied 2023.

Tul dan ix-xahar reget gie imnedija l-inizjattiva ghat-Tfal "Milied Riciklabbli". Inizjattiva li rat il-partecipazzjoni ta numru sabih ta tfal u li kollha gew immpremjati waqt l-attivita Milied Riciklabbli

Fl-14 u l-15 ta Dicembru saret edizzjoni ohra ta Pjazza fil-Milied mifruxa fuq jumejn. Din is-sena gie inawgurat presepju kbir mghamul mill-injam li ntrama fuq in-naha ta wara tal-knisja.

L-attivita kella ukoll diversi elementi ta' entertainment fosthom il-Banda tal-lokal, diversi bands ohrajn, entertainment ghat-tfal, stands tal-ikel u artigjanat u attrazzjonijiet ohrajn.

L-ikbar attrazzjoni kienet ir-record nazzjonali tal-ikbar Ginger Breadman, record li nkisser bil-kollaborazzjoni ta' Camilleri Caterers (Camilleri tal-Helu)

L-attivita kienet success kbir minn kull att inkluz mill-attendenza.

Din is-sena ukoll reget gie imnedija l-kompetizzjoni tal-isbah faccata armata ghall-Milied fil-Fgura. Ma din il-kompetizzjoni ziedna ukoll kompetizzjoni tal-Isbah tieqa jew gallerija.

**Konkluzzjoni**

Dan ir-rapport jghati harsa lejn sena ohra mpenjattiva b'hidma sfiqa minkejja li ghaddejna minn elezzjoni tal-Kunsill Lokali. Nixtieq nirringrazzja lis-Segretarju Ezekuttiv u l-istaff tal-Kunsill Lokali kif ukoll lil dawk kollha li b'mod jew iehor ghenu sabiex din il-hidma tista titwettaq.



Ray Deguara – Kunsillier fil-Kunsill Lokali tal-Fgura

**Rapport ta' ħidma mill-1 ta' Jannar 2024 sal-31 ta' Diċembru 2024**

Responsabbiltajiet: Fgura Day Centre, l-Anzjani fil-Fgura, il-Hrug kollu tal-Kunsill u membru fl-Interviewing Board u Traffic Management

Bħala Kunsillier responsabbli minn dawn ir-responsabbiltajiet li semmejt hawn fuq tajt sehmi f'ħafna oqsma bħall-ħarġiet tal-Kunsill u attivitajiet għall-anzjani, kif ukoll il-qasam li tant għandi għal qalbi dak tal-anzjani billi kont strumentali sabiex jinfetah l-ewwel Day Centre fil-Fgura li gie innawgurat fis 7 ta' Mejju 2024.

Matul is-sena 2024 tajt importanza aktar minn qatt qabel fuq il-ħruġ tal-kunsill fejn l-enfasi minn dejjem ridtha tkun li l-ħruġ ikun wieħed edukattiv u/jew kulturali.

Matul dawn l-ahhar sentejn rajna żieda qawwija fl-attendenza mir-residenti li juri u jindika li dawn ir-residenti huma ghatxana għall-ħruġ ta' dan it-tip li qed norganizza f'isem il-Kunsill Lokali Fgura.

Matul is-sena 2024 kellna total ta' sebgha (7) ħarġiet li kollha kienu success, apparti dawk organizzati mill-Active Ageing ghal dawk biss li jattendu regolarment id-Day Centre.

Il-ħruġ kienu diversi fosthom żjarat f'Hal-Lija, L-Isla u in-Naxxar fejn zorna il-Knejjes, Mużewijiet ta' l-istess parrocci, darbtejn Ghawdex ghal wirjiet marbuta mal-Ġimgħa l-Kbira u anke mal-Milied, kif ukoll ħarġa fix-Xemxija fejn zorna lil Protezjoni Civili. Kuncett gdid li ntroducejt wara li kelli discussjoni mas-Sindku Clayton Cascun Portelli huwa il-hrug fil-ghaxija billi bdejn bil-Pizza Night Out. Ta min jinotta li dawn kollha kienu ta' success kbir tant li Harga minhom ilhaqt record ta' 120 persuna.




Bdejna s-sena b'ħarġa Kulturali fis 17 ta' Jannar 2024 ġewwa Hal-Lija fejn laqana is-Sindku is-Sur Anthony Dalli fejn zorna it-Torri tal-Belvedere u id-dar/muzew tas-Sur Joseph Mangion u wara Lunch. L-attendenza kienet wahda tajba.



Presentazzjoni lis-Sindku ta’ Hal-Lija is-Sur Anthony Dalli



Parti min-nies li gew ghal-din il-harga, hawhekk quddiem id-dar tas-Sur Joseph Mangion fejn dan uriena id-Dar / Muzew tant u tant interessanti li ghandu. Il-pjacir tieghu li jaqsamma ma’ min jghogbu jzur din id-dar.



Flimkien mas-Sur Joseph Mangion u is-Sindku ta’ Hal-Lija. Ir-ritratt ta’ taht juri parti min din id-dar.





Hawn hekk waqt il-lunch, parti mill-Harga fejn ir-residenti jkollom il-hin ghal socializing.




Harga numbru 2 kienet gewwa il-Belt ta' L-Isla nhar San Velentinu 14 ta' Frar 2024 fejn dawk li attendew segwew b'attenzjoni id-diskors tal-kurattur tal-Bazilika fejn fisser kif waslet l-istatwa ta' Marija Bambina fl-Isla u anke kif ir-Redentur huwa Mirakoluz ghal kif saret il-vara

Ritratt ta' l-okazzjoni mas-Sindku ta' L-Isla is-Sur Clive Pulis


MARIA


MARIA

Ritratt fuq mas-Sur Gino Parnis il-Kurratur tal-Parrocca Bazilika ta’ L-Isla



Dawk li attendew ghal din il-harga interessanti fl-Isla





Waqt il-Lunch bhala parti mil-harga fl-Isla

Ritratt taht, il-Poster tat- tielet Harga gewwa Ghawdex




Din kienet harga numbru 3 f'Ghawdex bit-tema tal-Gimgha Mqaddsa nhar Hadd il-Palm 2024

Bdejna iz-zjara f'Ghawdex bil-quddiesa fil-knisja ta' Kercem.



Uhud min dawk li attendew



Zorna ukoll il-Wirja In Coena Domini ntella mill-Ghaqda Briju San Guzepp fil-Qala





Wara din il-wirja morna in-Nadur fejn zorna wirja ohra Ghad-Dell tas-Salib ntella mill-Ghaqda Armar Triq Dicembru 13










Kienu zewq wirjiet sbieh li kulhadd apprezza. Matul il-gurnata morna Lunch ukoll fejn kulhadd kien sodisfatt.




Ir-Raba harga tas-sena 2024 kient fis 17 ta' April fejn zorna il-Fire Station tax-Xemxija fejn kull min attenda ha gost hafna bil-wirja li tawna il-membri tal-Protezzjoni Civili. Tawna dimostrazzjoni ta' salvatagg.

Kienet esperjenza sabiha ghal kull min attenda ghax esperjenza b'ghajnejh kif jahdmu il-haddiema tal-protezzjoni Civili bir-riskji kollha li jgib mieghu dan ix-xoghol.


CIVIL PROTECTION DEPARTMENT
WATER CARRIER


CIVIL PROTECTION
FIRE RESCUE


CIVIL PROTECTION DEPARTMENT
WATER CARRIER


CIVIL PROTECTION DEPARTMENT
WATER CARRIER


MAGIRUS


Restaurant


FULLY
AIR-CONDITIONED


FULLY
AIR-CONDITIONED

Wara morna ukoll ghal-lunch fejn rega kien hin ghal socialing bejn ir-residenti Fgurin

L-aktar mument important ghalija matul is-sena 2024 u il-qofol tal-hidma tieghi kemm ilni Kunsillier fil-Fgura ilhaqtu meta gie inawgurat id-Day Centre fis 7 ta' Mejju. Kien jum li taghni soddisfazzjon kbir fil-hidma tieghi favur l-Anzjani Fgurin. Hawnhekk nrid nirringrazzja lil ex-Sindku is-Sur Pierre Dalli u lis-Sindku prezenti is-Sur Clayton Cascun Portelli li f'dawli d-dekasteru ta' L-Anzjani, id-Day Centre u il-Hrug tal-Kunsill.

Id-Day Centre jiftah kull nhar ta' Tlieta bejn it 8:00am u is 2:00pm is-sena kollha.






Il-Poster ufficjali li juri id-data tal-ftuh.







Is-Sindku Is-Sur Pierre Dalli waqt ic-cerimonja tal-ftuh kif ukoll diversi kelliema ohra waqt il-ftuh







Is-Segretarju Parlamentari ghall-Anzjanita’ Attiva l’ Onorevoli Malcolm Paul Agius Galea waqt il-Ftuh



Is-Segreatrju Parlamentari l-Onorevoli Alison Zerafa Civelli waqt id-diskors taghha



Waqt l-iffirmar tal-kuntratt ghall Fgura Day Centre 7 ta’ Mejju 2024


Anzjanità' A
Active Ageing
346 FXB Building, Tri
aacc-services@gov.m
KUNS
FG



Dan kien il-bidu biss, sa l-ahhar tas-sena 2024 saru 35 darba tad-Day Centre. Attendenza dejjem stabli ta' 45 persuna li tattendi regolarment.

Wara li saret l-Elezzjoni f'Gunju 2024 u ergajt gejt maghzul sabiex nerga nkun Kunsillier fil-Fgura, is-Sindku il-gdid is-Sur Clayton Cascun Portelli ghogbu jerga jaffdali lil-Anzjani, id-Day Centre u kif ukoll il-Hrug kollu tal-Kunsill u stajt nerga nkompli fejn kont hallejt qabel.



Il-Harga tan-Naxxar li saret nhar 23 ta’ Ottubru 2024 kienet il-Hames Harga organizzata minni li fiha ksirt ir-record tieghi stess billi kien hemm attendenza ta’ 120 persuna – L-akbar harga sa’ issa. Dak nhar zorna l-Mithna kif ukoll il-Parrocca u il-Muzew ta’ l-istess knisja.

Ritratti gewwa il-Mithna tan-Naxxar, hawn gejna milquwa min rapprezentanti tal-kunsill tan-Naxxar







Waqt l-ispjegazzjoni dwar il-Mithna tan-Naxxar



Ritratt mas-Sindku tan-Naxxar Dr Chris Deguara li laqghana bi pjacir kbir.

Ritratti isfel fil-Parrocca tan-Naxxar mal-prokurattur tal-knisja.







Ritratt ta’ tifkira bhala group, jidru bosta min dawk li attendew ghax kien hemm xi ftit li ma deherux.

Kull min gie kien sodisfatt hafna bhala harga. Sintendi morna Lunch ukoll.



Is-Sitt harga din id-darba kienet esperiment ghax kienet filghaxija u kienet l-ewwel darba li organizzajt Harga filghaxija wara li konna iddiskutejniha Jien u is-Sindku.

Il-Harga kienet Pizza Night gewwa restaurant li saret il-Gimgha 22 ta' Novembru 2024




Il-Poster tas-sitt Harga – Pizza Night




CISK


CISK

L-ahhar Harga ghas Sena 2024 kient f'Ghawdex bit-tema tal-Milied






Zorna wirja ta’ aktar min 40 presepju mtella mill-Ghaqda Hbieb tal-Presepju Ghawdex – Malta 1985




Ritratt mal-President ta’ l-Ghadqa Hbieb tal-Presepju Ghawdex – Malta 1985 is-Sur John M Cassar





Uhud min dawk li attendew ghal-Harga tal-Milied 2024 f’Ghawdex u xi presepji mill-wirja






Waqt il-Lunch gewwa Ghawdex



Wara kellna ukoll dawra ta’ siegha bit-Train fejn kulhadd ha hafna pjacir u xtaqu li ma tispiccax




Merry Christmas
SEMPREVIVA
TRY 012

L-ahhar attivita tieghi ghas-Sena 2024 kien il-Party tal-Milied ghal waqt id-Day Centre.

Kien vera success ghax attendew aktar min 100 persuna fejn kulhadd ha pjacir u kien sodisfatt







Bla dubju Day Centre ta' success li kien il-holma tieghi



Familja wahda sar id-Day Centre – ghaqda li tara b'ghajnejk u tinhass








Is-Sur Anthony Troisi offra li jigi jdoqq volontarjament waqt il-Party tal-Milied fid-Day Centre





Zaru il-Party is-Sindku flimkien mas-Sur Bonello

Matul is-Sena kellna ukoll hafna Talks kemm qabel ma bdejna bid-Day Centre kif ukoll waqt id-Day Centre. Kollha kienu ta' informazzjoni, edukattivi jew dwar kif ittejjeb il-kwalita tal-hajja ghall-Anzjani.

Kompla ukoll is-servizz ta' Trasport ghall-Anzjani taghna tal-Fgura sabiex jkunu jistaw jaghmlu visti fi Klinici jew xi servizz iehor.




Kellna Talk f'Marzu 2024 dwar il-Cancer fil-musrana u dwar il-Cancer tas-sider bhala prevenzjoni u edukazzjoni lill-Anzjani taghna.



Nerga nirreferi ghad Day Centre li Jien responsabli minnu li qed jsir kull nhar ta' Tlieta fis-Sala tal-Kunsill Lokali Fgura. Permezz tal- Active Ageing l-Anzjani Fgurin qed jassistu ghal Talks b'informazzjoni u edukazzjoni dwar is-Sahha, is-servizzi finanzjarji u twissijiet sabiex ma jaqawx f'xi nassa mil-Internet dwar investimenti.

Sessjonijiet ta' Line Dancing, sessjonijet ta' Fitness, tal-Crafts, Tisjir fil-pratikka, kelliema li jaghtu lezzjonijiet dwar Wellbeing, dwar is-Sahha Mentali, dwar is-servizzi offruti mill-Active Ageing bhal Telecare, Handyman fid-dar, servizz ta' trasport permezz ta' Silver T etc, etc.

Saru ukoll korsijiet fuq IT b'referenza Mobiles, Laptops u PC's – il-kelliema irreferrew anke kif dak li jkun jaghmel il-Facebook tieghu, il-Messenger, WhatsApp u kif jcempel b'xejn permess tal-Wifi. Sahansitra ukoll kellna kors ta' kif tibni Presepju Malti.

Talks ohrajn kienu fuq Dieta ghall-Anzjani, kelliema ukoll mill-Protezzjoni Civili u mill-Lesa dwar kontravenzjonijiet tat-Traffiku u Skart. Kellna ukoll diskussjoni dwar it-taghlim tul il-hajja.

Jkollna ukoll hrug fuq barra sintendi ghal dawk li huma membri fid-Day Centre tal-Fgura bil-mizata mhallsu lil Active Ageing.

Hawn taht jidru xi ritratti mehudin waqt diversi granet mid-Day Centre li juru dak li spjegajt aktar il-fuq.

## Waqt il-CRAFTS sessions







## Waqt il-FITNESS sessions







## Waqt it-TALKS



## Waqt Talk tal-LESA



## Waqt Talk tal-Protezzjoni Civili



Kont ressaqt mozzjoni sabiex jinxtara Trolley biex jintuza ghad-Day Centre u xi attivitajiet ohra tal-Kunsill.




Kont ressaqt mozzjoni ohra sabiex jinxtraw zewg Fran flimkien mall-unit sabiex ukoll jintuzaw ghas-sezzjonijiet tat-Tisjir waqt id-Day Centre u ghall waqt attivitajiet ohra tal-Kunsill.


ENERG
General Gas Ltd.
ENERG
General Gas Ltd.

## Sessions tat-Tisjier









## Jkollna ukoll lezzjonijiet tal-Line Dancing







**Apparti il-Hrug tal-Kunsill li huma mtella minni jkollna il-Hrug ma' L-Active Ageing ghall Membri tad-Day Centre, fosthom morna L-Esplora, Sports Day il-Marsa, Ghar-Lapsi u Ikla f' Lukanda ewlenija.**

**Ritratt waqt il-Harga fl' Eplora**



**Ta min jsemmi ukoll li bi preparazzjoni ghall-Milied 2024 fid-Day Centre sar kors ta' 4 gimghat ta' Kif Tibni Presepju Malti li kien vera interessanti u ta' success. Bi stedina mill-Kollega Kunsillier is-Sur Charles Bonello li qbilna li naghtu opportunita li min xtaqt esebixxa il-Presepju tieghu waqt il-Wirja tal-Milied bit-tema 'Twelid il-Messija' li saret fil-binja tal-Kunsill.**









Tmiem

**Ray Deguara**

**Kunsillier il-Fgura responsabli mill-Anzjani, Day Centre u il-Hrug tal-Kunsill**

# Rapport ta' Hidma

## mill-Kunsillier Mark Lombardo

**Jannar-Diċembru 2024**















**Rapport ta' Ħidma - 2024**


Introduzzjoni 2

1. Il-Qasam Edukattiv 3

2. Jum il-Fgura 16

3. 30 anniversarju ta' Jum il-Fgura 39

4. Il-Festa tal-Parroċċa 41

5. L-armar tal-Milied 47

6. Ħidma fost l-Għaqdiet 54

7. Pubblikazzjoni - Storja tal-Fgura 56

8. Parteċipazzjoni Attiva 57

9. Preżenza fuq il-Media 59

10.MiegħeK...dejjem qrib tiegħeK 60


**Appendiċi**


1. Diskors Jum il-Fgura 61

2. Manwal tal-Festa 64

3. Rapport Librerija 70

# Introduzzjoni



Huwa ta' privileġġ għalija li għal sena oħra ġejt mitlub li nippreżenta r-rapport ta ħidma tiegħi bħala kunsillier lokali għall-komunita' tal-Fgura għas-sena 2024.

Din kienet sena speċjali minħabba li mhux biss kont elett fil-Kunsill Lokali tal-Fgura għad-disa' darba konsekuttiva, imma wkoll kont elett b'numru akbar ta' voti mill-elezzjoni preċedenti u ġibt ir-raba' l-akbar ammont ta' voti fost il-kandidati kollha. Minbarra hekk, wara li fl-aħħar leġislatura kont elett l-aħħar wieħed, f'din l-elezzjoni tlajt il-ħames wieħed. Dan hu kollu grazzi għar-residenti tal-Fgura, li dejem sibthom ta' appoġġ għalija tul dawn l-aħħar 30 sena.

Is-sodisfazzjon hu akbar meta s-Sindku il-ġdid, is-Sur Clayton Cascun Portelli ikkonfermani fir-responsabbilitajiet preċedenti, li kelli tul l-aħħar leġislatura, jiġifieri l-Edukazzjoni, il-Librerija, Jum il-Fgura, il-Festa tal-Parroċċa, l-Armar tal-Milied kif ukoll il-Pubblikazzjoni tal-Istorja tal-Fgura. Ingħatajt ukoll l-inkarigu li nkun membru fis-sotto-kumitati tal-Finanzi, it-Traffic Management u l-Onorefficċjenzi.

Dan ir-rapport jitratta kemm il-ħidma mwettqa fl-aħħar sitt xhur tal-leġislatura preċedenti kif ukoll l-ewwel xhur tad-disa' leġislatura.





# 1. Il-Qasam Edukattiv



L-Edukazzjoni hija ċ-ċavetta tas-suċċess ta' uliedna. Qasam ferm għal qalbi u li jġibni viċin tal-edukaatturi, tal-ġenituri u fuq kollox tal-istudenti. Fil-bidu li ngħatajt din il-kariga, mill-ewwel fittixt li nibni relazzjonijiet tajbin mal-iskejjel primarji, sabiex ma jkunx hemm dupplikazzjoni tax-xogħol u nagħmlu l-aħjar użu tal-faċilitajiet disponibbli. Ħdimna flimkien fuq diversi inizjattivi għall-ġid tal-istudenti, filwaqt li fl-istess ħin mexxejt il-kunċett ta'"Skejjel Qrib il-Komunita",

Fil-ħidma tiegħi fost it-tfal nagħti importanza lill-ħiliet u lill-krejattivita' tat-tfal, kif ukoll il-parteċipazzjoni tagħhom u sabiex ikollhom l-aqwa għarfien tal-identita' tagħna. dawn flikien jikkumplimentaw l-edukazzjoni tal-ġenerazzjonijiet futuri.

## Jum Il-Fgura - attivitajiet edukattivi għat-Tfal

Din hi l-attivita' ewlenija li l-Kunsill Lokali ikollu kull sena mat-tfal tal-iskejjel primarji.. Għas-sena 2024, flimkien maż-żewġ skejjel, ippreparajna erba' attivitajiet - żewġ school assemblies, kif ukoll żewġ attivitajiet barra mill-iskola.



Waqt l-ischool assemblies, it-tfal bil-għajnuna tal-għalliema u l-ġenituri tagħhom, ħejjew preżentazzjonijiet dwar il-lokal tagħna.  Waqt l-assembly, saret referenza għall-ismijiet tal-iskejjel. Fi Skola Dun Ġużepp Zerafa (Skola Primarja A) kont mitlub nagħti lit-tfal tagħrif dwar dan is-saċerdot, li għalih hi msemmija l-iskola.





Fi Skola Primarja B, kien għadu kif tħabbar dik il-ġimgħa stess, li d-dipartiment tal-Edukazzjoni kien aċċetta t-talba tal-awtoritajiet tal-iskola, li jinbidiel l-isem għal Skola Nazzareno Farrugia. Dan seħħ wara li l-Kulleġġi kollha kienu infurmati, li l-iskejjel kienu se jerġgħu jingħataw l-ismijiet oriġinali, iżda kienu se jingħataw il-fakulta' ukoll li jbiddlu l-isem.



Attivita' oħra li saret għat-tieni sena konsekuttiva kienet id-dawra mat-toroq u l-pjazez, fejn it-tfal jistgħu josservaw x'jifforma l-identita' tal-lokal. F'dan il-kuntest żorna mhux biss postijiet ta' interess storiku, imma stajna nosservaw ukoll l-ambjent, il-postijiet pubbliċi bħal ġonna u playing fields, il-faċilitajiet fil-lokal bħall-banek, l-għassa tal-pulizija, l-uffiċċju tal-community police, l-uffiċċju tas-servizzi soċjali, ul-posta. Stajna nosservaw ukoll ukoll it-traffiku, it-trasport pubbliku, il-ħwienet, l-uffiċini, il-każini u l-ħajja ta' kuljum fit-toroq tagħna.



Minħabba li konna viċin is-60 anniversarju tal-parroċċa, it-tfal ingħataw informazzjoni storika sabiex huma jħejju preżentazzjoni għal ċerimonja li kellha ssir quddiem il-monument tas-salib għall-aħħar ta' Jannar 2025, biex flimkien nikkomemoraw dan il-jum.



## Il-Librerija u l-qari




L-illiterriżmu huwa suġġett importanti ħafna fl-iskejjel u li qiegħed jiġi indirizzat. F'dinja fejn it-teknoloġija qed tieħu preċedenza, kien innutat li qed tingħata mportanza inqas lill-qari.

B'dan il-ħsieb flimkien mal-iskola, kienet organizzata "Open Day" fil-librerija Gejtu Grech, u li tinsab biswit l-iskola. Dak in-nhar bil-kollaborazzjoni tal-librara tagħna, Marlene Gerada u Adrian Vella, il-librerija kienet miftuħa għall-ħinijiet itwal mis-soltu.

Matul din il-ġurnata, diversi klassijet, immexxija mill-għalliema għamlu żjarat lill-librerija fejn it-tfal iltaqgħu ma' żewġ awturi u illustrattur. Din l-inizjattiva kienet suċċess kbir, tant li kienet estiża għal ġurnata oħra, sabiex aktar tfal ikollhom l-opportunita' li jżuru l-librerija.













B'riżultat ta' dan matul il-ġimgħat u x-xhur sussegwenti , l-ammont ta' membri ġodda fil-librerija żdied b'aktar minn 300 membru, kemm tfal u anke adulti. Min-naħa tal-Kunsill Lokali komplejna ninvestu b'aktar kotba ġodda. Dan wara li fis-sena preċedenti kien diġa sar "refurbishment" fil-librerija u saru anke "bookshelves"' ġodda.










# Festa Tfal



Għat-tieni sena konsekuttiva, u fuq talba mill-iskejjel, ġiet organizzata Festa Tfal flimkien mal-Iskola Primarja u l-Parroċċa, u b'kollaborazzjoni mal-Għaqda Mużikali u Soċjali Madonna tal-Karmnu u l-Kummissjoni Festa Esterna.

Din is-sena il-Festa ħadet xejra akbar hekk kif il-manifestazzjoni bdiet minn ġol btieħi tal-iskola, sabiex titgawda mill-iskola kollha, Filwaqt li t-tfal minn Year 2 sa Year 6 ittieħdu il-knisja, it-tfal ta' klassijiet iżgħar setgħu igawdu id-daqq tal-banda, li akkumpanja l-istatwa tal-Madonna tal-Karmnu, minn ġol btieħi interni tal-iskola. Kienet innutata wkoll preżenza akbar ta' ġenituri.








VIVA
IL-MADONNA
TAL-KARMNU
FGURA










JIEN
NADURAK
BIL-QIMA



# Jum il-Premjazzjoni

Attivita' oħra importanti fil-ħajja tal-iskola Primarja, li għaliha kont preżenti bħala kunsillier responsabbli mill-Edukazzjoni hija Jum il-Premjazzjoni, li nżammet f'Marzu ta' din is-sena. Għal din l-okkażjoni, il-Kunsill Lokali ta donazzjoni ta' kotba lill-iskola Primarja.










Waqt din iiċ-ċelebrazzjoni, li kienet tinkludi il-kunċert bi żfin, kant u reċtar, it-tfal tal-sikola primarja kienu mħejjija b'mod tajjeb ħafna mill-għalliema tagħhom. Ċertament, esperjenza li jibqgħu jgħożżu tul ħajjithom kollha. Matul l-andament taċ-ċerimonja saru diskorsi tal-okkażjoni mill-Prinċipal tal-Kulleġġ, is-Sur George Psaila u mis-Surmast tal-Iskola, Is-Sur Lorian Busuttil Naudi, li filwaqt li tkellem fuq il-ħidma skolastika, irringrazzja lill-Kunsill Lokali għall-koperazzjoni kbira li teżisti fil-bosta inizjattivi edukattivi li jittieħdu matul is-sena.

## Read with me

Dawn is-sessjonijiet intiżi wkoll biex inaqqsu l-illiteriżmu, u jħeġġu lit-tfal għall-qari qed isiru tliet darbiet fil-ġimgħa.

Is-sessjoni tat-"toddlers" isiru kull nhar ta' Tnejn filgħodu fil-Kunsill Lokali.

Qed isiru żewġ sessjonijiet oħra fil-Librerija għal tfal akbar bejn il-5 snin u l-11-il sena kull nhar ta' Erbgħa u nhar ta' Ħamis.




Għas-sessjonijiet kollha qed ikun hemm attendenza tajba, u f'kull sessjoni it-tfal ikunu akkumpanjati mill-ġenituri.



## Junior Science Club

Din hi inizjattiva oħra li bdiet fl-aħħar xhur, u li hi kkordinata flimkien mal-Iskejjel Primarji. Hu ta' sodisfazzjon li għandna żewġ kategoriji ta' klassijiet, dawk bejn Kindegarten u Year2, kif ukoll minn Year 3 sa Year 6.

Qabel ma twaqqaf uffiċċjalment is-Science Club kien jinħtieġ isir xogħol preparatoju fosthom is-sejħa għall-applikazzjonijiet kemm għall-parteċipanti u anke għall-"animators". Wara l-għeluq tal-appliazzjonijet għall-"animators" saru wkoll l-"interviews" bil-parteċipazzjoni kemm mill-Kunsill kif ukoll mit-taqsima tad-Dipartiment tax-Xjenza. Inizjattiva oħra suċċess, li għaliha kellna konkorrenza tajba. Dawn is-sessjonijiet  qed isiru kull nhar ta' Erbgħa fl-Iskola Primarja.









## **LifeLong Learning**.



Il-Kunsill Lokali qed joffri wkoll il-faċilitajiet u l-possibilta' sabiex persuni ta' nazzjonijiet barranin jitgħallmu l-Malti u l-Ingliż. Dawn il-korijiet ukoll kellhom rispons tajjeb u qed isiru sessjonijet kull nhar ta' Tnejn u Ħamis fil-bini tal-Kunsill Lokali.

Hawnhekk tajjeb nirrimarka li ftit wara li bdew dawn il-korsijiet kemm il-Prim Ministru Dr Robert Abela u anke l-Kap tal-Oppożizzjoni, Dr Bernard Grech, waqt żjarat separati li kellhom fl-uffiċini tal-Kunsill Lokali tal-Fgura, kellhom mhux biss l-opportunita' li jiltaqgħu ma' dawn l-istudenti, imma wkoll kliem ta' tifħir għal din l-inizjattiva.



## Tagħlim tal-Kompjuter

Matul il-vaganzi tas-Sajf, numru ta' tfal attendew numru ta' sessjonijiet ta' tagħlim tal-Kompjuter, li saru fil-bini tal-Kunsill. Il-lezzjonijiet kienu jsiru kull nhar ta' Sibt, u kellna żewġ klassijiet.







## Attivitajiet oħra għat-tfal

Matul is-sena kont mitlub mill-iskola biex flimkien mal-għaqdiet lokali, nikkordina żjarat edukattivi lill-Wirjiet tal-Ġimgħa Mqaddsa li jsiru fil-Fgura, u sabiex kull fejn nista' nara li t-tfal ikunu involuti dejjem aktar fil-komunita'.






## 2. Jum il-Fgura



Jum il-Fgura din is-sena kien iċċelebrat bejn il-21 u s-27 t'Ottubru.

Kull sena it-tfal jingħataw importanza f'dawn iċ-ċelebrazzjonijiet. Dwar l-attivitajiet u l-inizjattivi għat-tfal diġa ingħatat informazzjoni fl-ewwel taqsima iddedikata lill-Edukazzjoni.

Minbarra dawn l-attivitajiet tant importanti, saru żewġ attivitajiet oħra prinċipali, il-Kunċert "Let There be Music", li matulu saret ukoll "Iċ-Ċerimonja Trodd Ħajr", kif ukoll iċ-ċelebrazzjoni uffiċċjali ta' Jum il-Fgura nhar il-Ħadd 27 t'Ottubru, li matulha issir il-Korteo bil-parteċipazzjoni tal-Għaqdiet, il-Quddiesa ta' radd il-Ħajr u t-tifkira li ssir fil-Pjazza. Din is-sena fakkarna it-30 anniversarju mit-twaqqif ta' Jum il-Fgura

**<u>Il-Kunċert "Let There Be Music".</u>**



Il-Kunċert ta' Jum il-Fgura kien organizzat nhar il-Ġimgħa 25 ta' Ottubru fil-Knisja Parrokkjali. Sabiex dan il-Kunċert kien possibbli li jsir, kelli nibda naħdem fuqu minn xhur qabel. Kunċert bħal dan jirrekjedi ħidma preparatorja estensiva, sabiex jinżamm l-istess livell tas-snin preċedenti. Minħabba li bejn is-sena l-oħra u din is-sena kien hemm bidla kemm fil-leġislatura, u anke fit-tmexxija tal-Kunsill, kien jinħtieġ li nieħu responsabbilta' personali, aktar u aktar meta ma kontx naf x'se jkun l-andament tar-riżultat  elettorali u tad-dekasteri li kont se nkun fdat fihom. Għaldaqstant fuq punt bħal dan hu mportanti li jkun hemm kontinwita' bejn leġislatura u oħra sabiex la jkun hemm intoppi u lanqas tensjoni bla bżonn.

Bħall-kunċert ta' sentejn qabel, u li sar mid-direttur mużikali, Simon Ellul flimkien mal-Kor Parrokkjali, "infaħħru lil Marija", inkitbet mużika apposta għall-okkażjoni u għall-ewwel darba.

Il-Kunċert, bħal dawk tas-sentejn ta' qabel, kien ta' livell għoli ħafna, u kellu attendenza tajba ħafna. Kienu bosta li kellhom kliem ta' tifħir kemm għall-kunċert innifsu u anke għall-organizazzjoni.

Kemm dan il-Kunċert, u anke il-Kunċert preċedenti kienu rrekordjati u intwerew diversi drabi fuq il-mezzi televizivi. Fix-xahar t' April Xejk TV xandar il-Kunċert tal-2023 darbtejn, filwaqt li f'Diċembru NET TV xandar il-Kunċert tal-2022 tliet darbiet. ONE TV xandar il-Kunċert ta' din is-sena darbtejn fix-xahar ta' Diċembru wkoll. Diversi nies għamlu kuntatt miegħi, u kellhom kliem ta' tifħir għall-Kunsill Lokali, li qed jagħti spazju lit-talent lokali.















STAND
BY ME


LET THERE BE MUSIC
HEY JUDE,
DON'T MAKE IT BAD.


JIEN
NADURAK
BIL-QIMA

## Iċ-Ċerimonja - il-Fgura Trodd Ħajr

Anke din is-sena numru ta' residenti minn kull qasam tal-ħajja ingħataw rikonoxximent uħud għall-ħiliet tagħhom u oħrajn għall-kontribut tagħhom fil-lokal. Din is-sena il-Kunsill waqqaf Sotto Kumitat Onoreffiċċjenzi li kellu fih kemm kunsilliera, u anke żewġ persuni minn barra l-Kunsill. Kien ta' sodisfazzjon, li s-sotto-kumitat żamm il-kategoriji kollha li kont ippromwovejt jien fis-snin li għaddew.

Iċ-ċerimonja tmexxiet fuq l-istess stil ta' qabel, fejn kull kunsillier preżenti għaċ-ċerimonja, kien parteċipi waqt it-tqassim tal-onoreffiċċjenzi.

L-ogħla ġieħ din is-sena ingħata lill-ex Sindku Pierre Dalli, filwaqt li fost ir-rikonoxximenti ingħata wkoll unur lil żewġ ex-Kunsilliera. B'kollox kien hemm erba' kategoriji - Ġieħ il-Fgura, Ħajr il-Fgura, Stilel Fgurin u Rikonoxximent. Numru ta' nies kienu onorati post-mortem.

**Rikonoxximenti post-mortem**



Carmelo Parascandalo





Miriam Scicluna





Nutar Joseph Sciberras



**Rikonoxximenti oħra**



Carmen Grech



Toshera Schembri



Leonard Zerafa

**Stilel Fgurin**



Kayden Lagana



Kevin Saliba



Charles Vella

**Ħajr il-Fgura**



Oreste Alessandro



Michael Micallef



Louis Cutajar



Mario Fava





L-Unur ta' Ħajr il-Fgura ingħata wkoll post-mortem lill-ex Segretarju Parlamentari għall-Kunsilli Lokali, is-Sur Silvio Parnis. L-unur irċevewh f'ismu  il-mara tiegħu flimkien ma' ibnu.

**Ġieħ il-Fgura**

Din is-sena dan l-ogħla unur ingħata lill-ex-Sindku, is-Sur Pierre Dalli







**Il-Korteo**



L-għaqdiet lokali għal darb'oħra klenu protagonisti u parteċipanti tul iċ-ċerimonja li saret nhar il-Ħadd, 27 t'Ottubru. Kien deċiż li jsir korteo wieħed qabel il-quddiesa u li tiġi definita rotta ġdida sabiex tilħaq numru akbar ta' għaqdiet. Il-Korteo iltaqa' fejn il-monument tas-Salib, u għadda minn Triq Hompesch, Triq San Tumas, Triq il-Liedna, Triq il-Karmelitani sa quddiem il-Knisja fejn ittieħed ritratt kommemorattiv.



Kienet innuata għall-ewwel darba preżenza ta' players mill-Fgura United FC nursery flimkien mal-għaqdiet li jattendu kull sena.

Fil-bidu tal-Korteo is-Sindku akkumpanjat minn rappreżentant tal-Fgura Scout Group u l-Fgura Girl Guides, poġġa kuruna quddiem il-monument tas-Salib.






INTERSPORT




Paul&
Waters
PERFUMERY


Vince

## Il-Quddiesa ta' radd il-Ħajr

Il-quddiesa tmexxiet mill-Kappillan tal-Parroċċa, Fr Raymond Calleja, u saret bil-parteċipazzjoni tal-għaqdiet lokali, li ħadu sehem fil-liturġija u fil-preżentazzjoni tal-offerti. Waqt l-omelija, il-Kappillan kellu kliem ta' tifħir għall-ħidma u l-kollaborazzjoni li teżisti bejn il-Parroċċa, il-Kunsill u l-għaqdiet volontarji.






























.






**Iċ-Ċerimonja tat-Tlugħ tal-Bandiera**



Wara l-quddiesa saret iċ-ċerimonjali tradizzjonali tat-Tlugħ tal-Bandiera, fejn sar diskors kommemorattiv mis-Sur Alfred Monreal kif ukoll diskors ta' ringrazzjament mis-Sindku, is-Sur Clayton Cascun Portelli.

Is-Sindku, akkumpanjat minn membri tal-Fgura Scout Group u l-Fgura Girl Guides poġġa kuruna tar-rand quddiem l-istatwa tal-Madonna tal-Karmnu.

Iċ-ċerimonja issoktat bit-tberik tal-bandiera mill-Kappillan, Fr Raymond Calleja u wara bit-tlugħ tal-bandiera, waqt li l-banda tal-Fgura Scout Group daqqet il-fanfara.

Il-programm ta' Jum il-Fgura intemm bid-daqq u l-kant tal-Innu Malti mis-soprano Vanessa Vassallo.



















# <u>3. 30 Sena Jum il-Fgura</u>

Jum il-Fgura twaqqaf nhar il-Ħadd 30 ta' Ottubru 1994 b'deċiżjoni tal-ewwel Kunsill Lokali tal-Fgura li beda jiffunzjona f'Mejju 1994. Għal dan l-anniversarju saru numru ta' tifkiriet tal-okkażżjoni, li ingħataw lill-membri tal-Kunsill Lokali attwali, lill-għaqdiet lokali u lil numru ta' persuni oħra li taw sehemhom fil-programm ta' attivitajiet ta' din is-sena. Ingħatat tifkira ukoll lill-ewwel Sindku tal-Fgura, is-Sur Anthony Degiovanni kif ukoll lill-Provinċjal tal-Ordni Karmelitan, Fr Charles Mallia O.Carm.





























Jum il-Fgura
30 anniversarju
1994-2024

# 4. Il-Festa tal-Parroċċa



Il-Festa Titulati tal-Parroċċa inżammet nhar il-Ħadd 14 ta' Lulju. Bħalma jsir kull sena, bi tħejjija għall-festa saret laqgħa ta' koordinament flimkien ma' rappreżentanza mill-Pulizija, mil-LESA, u mill-Awtorita' tat-Trasport Pubbliku flimkien ma' rappreżentanza mill-Parroċċa, mill-Għaqda Mużikali u Soċjali Madonna tal-Karmnu u mill-Kummisjoni Festa Esterna.

F'dawn il-laqgħat nitrattaw il-loġistika kollha marbuta mal-organizazzjoni tal-Festa, fosthom il-permessi neċessarji u s-sigurta' fil-ġranet tal-festa. Minħabba l-elezzjoni tal-Kunsill Lokali, li saret fit-8 ta' Ġunju, il-ħidma bi tħejjija għall-festa saret matul ix-xhur ta' Marzu u April.

Hawnhekk qed nelenka il-ħidma kollha relatata mal-Festa, li saret:




Ħidma kkordinata mal-Kummissjoni Festa Esterna, l-Għaqda Mużikali u Soċjali Madonna tal-Karmnu Fgura, u l-Parroċċa.
Ko-ordinazzjoni mal-Pulizija;
Ko-ordinazzjoni ma' LESA;
Ko-ordinazzjoni ma' l-Awtorita' tat-Trasport Pubbliku;
Għajnuna għal-Lejla Maltija imtellgħa mill-Għaqda Mużikali u Soċjali Madonna tal-Karmnu;
Għajnuna għal FguraFest, organizzata mill-Kummissjoni Festa Esterna:
Għajnuna f'Kiri ta' inġenji għall-armar;
Għajnuna f'kiri ta' Fire Engines għal waqt in-Nar;
Servizzi mill-LESA waqt l-armar u z-zarmar';
Użu tas-sala tal-Kunsill għar-reħearsals tal-Kunċert tal-Festa;
Kirja ta' "Follow Spot" għal fuq il-vara għal waqt il-purċissjoni"
Kiri ta' mobile toilets għal waqt l-attivitajiet u fil-ġimgħa tal-Festa"
Zamma tal-latrina pubblika miftuħa sa tard bil-lejl fil-ġranet tal-Festa"
Permessi ta' gabbani u stalls għal waqt il-festa"
Permessi għal "tables and chairs" għall-kazini u ristoranti, eċċ.
Għajnuna amministrattiva mill-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali;





Barra minn hekk,flimkien mas- Sindku, Clayton Cascun Portelli, kordinazzjoni tal-indafa, qabel u wara l-attivitajiet, li tinkludi fost affarijiet oħra il-ħasil tat-toroq; tindif tas-"soft areas", servizzi extra u provvediment ta' bins;

Sar ukoll riċeviment għall-għaqdiet lokali u fil-ġranet tal-festa, ingħata "drink" lill-bandisti. Waqt ir-riċeviment tal-festa, li sar bejn it-tmiem u l-bidu ta' leġislatura ġdida, ingħatat tifkira lis-Sindku uxxenti mis-Sindku elett. F'din l-okkażjoni kien ukoll inawgurat l-arblu l-ġdid fuq il-bejt tal-Kunsill Lokali.



Fil-ġranet ta' qabel il-festa saru l-Fgura Fest imtellgħa mill-Kummissjoni Festa Esterna, u Lejla Maltija mill-Għaqda Mużikali u Soċjali Madonna tal-Karmnu. Dawn iż-żewġ attivitajiet saru b'kollaborazzjoni sħiħa tal-Kunsill Lokali. Lejleit il-Festa sar il-Kunċert Tradizzjonali fil-waqt li l-Ħadd filgħodu il-Kunsill Lokali kien preżenti għall-Quddiesa Solenni. Filgħaxija waqt li l-Purċissjoni kienet għaddejja minn quddiem il-Kunsill Lokali, saret preżentazzjoni ta' bukkett fjuri lill-Madonna tal-Karmnu.

Wara l-Festa Titulari, ħadt ir-responsabbilta' li nħejji manwal tal-festa, li fih nelenka r-responsabbilitajiet u dak kollu li mistenni jsir matul dawn il-ġranet. (ara Appendiċi 2)








CHRISTOPHER DEBONO
PHOTOGRAPHY




FESTA 2024
MADONNA TAL-KARMNU
8 - 14 TA' LULJU
REDMI NOTE 9 PRO
MARK LOMBARDO



**<u>Arblu ġdid fuq il-bejt tal-Kunsill Lokali</u>**



Fil-ġranet ta' qabel il-festa, kien inawgurat arblu ġdid ta' aktar minn 60 pied fuq il-bejt tal-Kunsill. Dan l-arblu kien inxtara fix-xhur ta' qabel bi prezz tajjeb, u sar xogħol ta' manutenzjoni u żebgħa fuqu mill-membri tal-Kummissjoni Festa Esterna, filwaqt sar ix-xogħol neċessarju mal-blokka li kien hemm fuq il-bejt.

Kienet ordnata wkoll bandiera kbira ta' Malta sabiex tikkumplimenta id-daqs tal-arblu.

L-arblu kien inawgurat waqt ir-riċeviment li sar ftit qabel il-festa.












# 5. L-armar tal-Milied fil-Fgura



Fl-aħħar snin tajt il-kontribut u kkordinajt ħidma sabiex il-Milied illum sar parti integrali mill-kalendarju tal-Fgura. Sabiex dan isir matul is-snin il-Kunsill Lokali jiddedika parti mill-Budget annwali tiegħu sabiex isir armar xieraq fit-toroq u l-pjazez tagħna.

Dan kien mportanti ħafna u essenzjali sabiex fl-aħħar snin setgħu jibdew jiġu organizzati attivitajiet fil-beraħ f'dawn iż-żminijiet ta' festi.

Għall-bidu kien isir armar biss fi Triq Ħaż-Żabbar u Triq Hompesch. Wara żiedna l-armar fi Triq il-Karmelitani sabiex nilħqu il-Knisja l-qadima, il-maħżen tal-armar, u l-binja tal-MUSEUM tas-Subien, fejn jintlaħaq il-qofol tal-Purċissjoni Tradizzjonali tal-Milied. Żiedna wkoll iz-zuntier tal-Knisja, Pjazza Kunsill tal-Ewropa u Pjazza Reggie Miller, fejn dawn l-aħħar snin bdiet tiġi organizzata wkoll Pjazza fil-Milied.



Is-Siġra tal-Milied

Din is-sena tajna importanza akbar lis-siġra tal-MIlied. Minħabba li s-siġra kompliet tikber, inħasset il-ħtieġa li nkabbru l-istruttura tas-siġra. Dan kien possibbli grazzi għall-koperazzjoni li sibna mill-President tar-Reġjun, is-Sur Paul Farrugia, u permezz tal-ħaddiema tal-istess reġjun. Fl-istess waqt saret ukoll manutenzjoni tal-kumplament tal-istruttura, billi fost oħrajn l-istruttura kienet miżbugħa kollha mill-ġdid. Dan ix-xogħol kien jirrekjedi numru ta' ġimgħat minn Settembru sa Novembru, meta effettivament beda l-armar. Ix-





xogħol fuq iż-żebgħa sar kollu mill-membri tas-Sezzjoni Żgħaażagħ tal-Kummissjoni Festa Esterna. Min-naħa tagħhom flimkien mal-membri tal-Kummissjoni Festa Esterna u xi voluntiera oħra ħadu ħsieb l-armar kollu kemm tas-siġra kif ukoll tat-toroq u l-pjazez.

Min-naħa tiegħi, minbarra li kkordinajt u segwejt din il-ħidma kollha, kont dejjem preżenti għall-attivitajiet kollha li saru f'dawn iż-żminijet.






7988 1938
Iż-Żejtun
Wied il-Għajn
Ħaż-Żabbar






Il-Milied u s-Sena
Lokali, Fgura
Joma


KUNSILL LOKALI FGURA
Inizjattiva Toroq
u Pjazez Imdawlin
mill-Kunsillier Mark Lombardo, responsabbli mill-edukazzjoni u l-armar tal-Milied




VERDI



# 6. Ħidma fost l-għaqdiet

Bla dubju l-għaqdiet jibqgħu prijorita' fil-ħidma tiegħi, u dan nagħmlu mhux biss billi nagħtihom l-ispazju kollu fil-ħidma tiegħi, imma wkoll billi nagħtihom is-sapport meħtieġ, u anke bil-prezenza kontinwa tiegħi fosthom matul is-sena kollha,



















REDMI NOTE 9 PRO
MARK LOMBARDO


REDMI NOTE 9 PRO
MARK LOMBARDO

## 7. Pubblikazzjoni Storja tal-Fgura

Dan hu l-aktar proġett ambizzjuż fost ir-responsabbilitajiet tiegħi, u li jinvolvi ħafna riċerka, diskussjoni u kuntatti. Dħalt għal dan ix-xogħol personalment wara li kont urejt din ix-xewqa lis-Sindku preċedenti, wara li kont ili snin niġbor materjal b'mod privat u fuq inizjattiva tiegħi. Minn żmien għal żmien, ngħaddi informazzjoni kemm fuq "Facebook", u anke kitbiet f'ġurnali u rivisti, għax nemmen li l-pubbliku b'mod partikulari l-istudenti, l-informazzjoni jinħtieġuha illum qabel għada. Il-ħin li jiġi ppubblikat ktieb se ssib li diġa sar out-dated, għax l-istorja tkun qed issehh kuljum.

Biss huwa tajjeb li l-ktieb ikun jinkludi materjal li qatt ma kien ippubblikat, jew kien skorrett, jew mhux komplut. Dan ikompli jikkomplika l-proċess, pero' minkejja kollox determinat li ntemm dan il-proġett fl-iqsar żmien possibbli.



Ritratt - il-Knisja l-antika tal-Fgura

# 8. Parteċipazzjoni attiva



Bħal ma għamilt tul dawn l-aħħar 30 sena, nagħti mportanza li nattendi regolarment u nipparteċipa fil-laqgħat tal-Kumitati u tas-Sotto-Kumitati, li jien involut fihom. Nattendi ukoll regolarment għal-laqgħat tal-Kunsill Lokali. Fil-laqgħat nitkellem dwar il-preokupazzjonijiet tan-nies, anke dawk li ma jaqgħux direttament taħt ir-responsabbilitajiet tiegħi.

Nagħmel mezz ukoll li nkun preżenti fid-diversi attivitajiet li jsiru fil-lokal u anke f'dawk organizzati mill-kollegi kunsilliera, filwaqt li nsegwi il-ħidma kollha li tkun għaddejja.





Ritratt, li juru il-preżenza kontinwa tiegħi fl-attivitajiet tal-Kunsill Lokali













**9.**

## Preżenza fuq il-Media

Matul l-2024 it-tliet kunċerti organizzati fl-aħħar tliet snin fl-okkażjini ta' Jum il-Fgura kienu imxandra kollha fuq tliet stazzjonijiet tat-televiżjoni privati. Il-Kunċert tal-2022, Music of the Night ixxandar tliet darbiet bejn il-Milied u l-Ewwel tas-Sena, Il-Kunċert tal-2023, Minn Xbihatek Hadt Ismi ixxandar darbtejn fuq Xejk TV fix-xahar t'April, waqt li l-Kunċert ta' l-2024 ixxandar darbtejn fuq One TV fl-aħħar tas-sena wkoll.

Kunċerti ta' livell ogħli bħal dawn ikomplu jagħmlu unur lill-Kunsill Lokali u lil Fgura. Kommess li nkompli nibni fuq il-ħidma mwettqa.

Barra minnhekk minn żmien għall-ieħor, ħadt sehem fi programm fuq ir-radju u t-televiċjoni, u nżomm kuntatt kontinwu man-nies fuq is-social media.









## 10. MiegħeK...dejjem qrib tiegħeK




Din hi l-wegħda li għamilt fil-kampanja elettorali lin-nies, u fuq dan se tkun iffukata il-ħidma tiegħi fil-ħames snin li ġejjin. Se nibqa' viċin in-nies u solidali man-nies fil-ħajja tagħhom ta' kuljum. Se nibqa' nkun qrib in-nies fil-mumenti sbieħ, imma anke f'dawk anqas sbieħ.

Minn żmien għal żmien inressaq ukoll diversi ilmenti, li jkunu għaddewli r-residenti, u hawn nirringrazzja lill-amministrazzjoni, il-ħaddiema klerikali u manwali tal-ħidma, l-attenzjoni u l-koperazzjoni tagħhom. .

Fl-aħħarnett grazzi lil dawk kollha li mxew miegħi matul dawn is-snin, u li bi kliemhom kellhom kliem ta' kuraġġ u apprezzament.



## Appendiċi 1 - Messaġġ Jum il-Fgura 2024 - 25 t'Ottubru 2024

Iltqajna hawn il-lejla biex flimkien niftħu ċ-ċelebrazzjonijiet uffiċċjali tat-30 anniversarju mit-twaqqif ta' Jum il-Fgura. Kburi li mhux biss kont parti mid-deċiżjoni 30 sena ilu li biha stabilixxejna t-twaqqif ta' dan l-aktar jum importanti fil-ħajja tal-kunsill u tal-lokal, imma wkoll li diversi drabi kont responsabbli bħala Kunsillier minn dan il-jum taħt Sindki differenti, kif kont ukoll f'dawn l-aħħar tmien snin.

Qabel xejn, irrid illum fl-ewwel diskors pubbliku tiegħi wara l-elezzjoni tat-8 ta' Ġunju, li nirringrazzja lil dawk kollha li għad-disa' darba konsekuttiva, ikkonfermawni bħala Kunsillier tagħhom. Forsi jkun hawn min jistaqsi, għaliex wara 30 sena għadni hawn bl-istess enerġija u entużjażmu noħloq inizjattivi ġodda għall-ġid tal-komunita', Ir-risposta hija ċara. Tul dawn it-30 sena kont dejjem viċin tagħkom, bqajt umli u ħdimt bil-kwiet u mingħajr daqq ta' trombi. Għaraft il-limiti tiegħi, u fittixt li nkun innovattiv. Fil-ħidma tiegħi ħarist lejn il-kwalita' u mhux lejn il-kwantita'. Għaraft ukoll li l-flus pubbliċi għandhom jintefqu b'mod għaqli, u fejn kien hemm il-bżonn, żammejt il-brejkijiet, biex l-infieq fir-responsabbilta' tiegħi ikun ikkontrollat.

Fittixt li naħdem ma' kulħadd, imma bqajt sod fil-prinċipji tiegħi, u qatt attent li ma ninġarrx mill-kurrent. Tkellimt b'vuċi soda meta kien hemm bżonn, għaliex l-ewwel lealta' tiegħi hija lejn il-ħtiġijiet tagħkom ir-residenti. Minn meta irtirajt mix-xogħol f'Jannar li għadda, it-toroq pubbliċi saru l-uffiċċju tiegħi ta' kuljum, u bqajt dispost u aċċessibbli għal kull minn jixtieq jitkellem miegħi, irrispettivament mill-kulur u t-twemmin tiegħu.

L-għaqdiet lokali jibqgħu fil-qalba tal-ħidma tiegħi, mhux biss għax jiena kunsillier, imma għaliex jien ukoll kont parti minnhom, tlajt minnhom u nifhem is-sabiħ tal-volontarjat.

Illejla għat-tielet sena konsekuttiva qed nippreżentalkom dan il-Kunċert Mużikali. Kunċert li warajh kien hemm ħafna xogħol, immexxi għat-tieni darba mill-abbli Maestro Simon Ellul. Ħlomna b'dan il-Kunċert madwar ħames snin ilu, imma kellna nipposponu minħabba l-Covid-19, sakemm ippreżentajnieh lill-pubbliku sentejn ilu. Kellna ħafna kliem ta' inkoraġġiment, u bdejna naħdmu fuq it-tieni wieħed. Wara li kont ikkonfermat fir-responsabbilta' tiegħi f'Lulju li għadda, żiedna r-rittmu, sabiex illum qed issir realta'. Kont preżenti għar-rehearsals kollha li saru, ikkordinajt l-organizazzjoni kollha, u nista' nixhed kif kollox sar b'mod professjonali. U hawn irrid nieħu din l-opportunita' biex nirringrazzja lill-orkestra, lill-mużiċisti, lit-tenur, lis-soprani, li flimkien mad-direttur qed itellgħu serata mill-aqwa, li tkompli tgħolli l-livell tagħna kemm bħala kunsill imma aktar bħal lokal.

Kif kont wegħidtkom ukoll tmien snin ilu, żammejt il-wegħda tiegħi, sabiex f'din is-serata "Il-Fgura Trodd Ħajr", inkompli nagħmel ħilti biex lil dawk lin-nies li nsejna mal-medda taż-żmien, naraw li jingħataw ir-rikonoxximent u l-mertu mistħoqq. U llum fost in-nies li se jiġu onorati għandna għal darb'oħra grupp sabiħ ta' nies, kif kellna matul is-snin. Hawnhekk

preżenti fostna hawn ukoll l-ex Sindku is-Sur Pierre Dalli, li miegħu ħdimt mill-viċin fl-aħħar snin. Miegħu kelli ħafna diskusjonijiet, kien hemm mumenti fejn qbilna u anke ma qbilniex, imma dejjem ilħaqna kompromess fl-għażliet li għamilna, anke meta ġejna biex nippreżentaw in-nomini quddiem il-Kunsill. U b'wiċċi minn quddiem ngħid, li kull għażla li saret laħqet kunsens b'mod unanimu, f'kull stadju, kemm fid-deċiżjoni preliminari meta ppreżentajna flimkien il-proposti u anke fil-Kunsill. Lis-Sur Dalli, f'isimkom irrid ukoll nirringrazzjah għas-snin ta' servizz li ta lill-komunita', u għall-abilita' tiegħu li jżomm kunsill magħqud, minkejja diverġenzi ta' opinjoni. Hija ħasra li anke f'mumenti ta' għaqda ikun hawn min jipprova jiżra d-dubji dwar dak li sar fil-leġislatura li għaddiet.

Sadanittant, matul ix-xhur li għaddew bqajt ukoll għaddej b'inizjattivi ġodda fil-qasam edukattiv, fejn bnejt u żammejt relazzjonijiet mill-aqwa mal-amministrazzjoni tal-iskola. Il-ġimgħa d-dieħla flimkien mal-Iskejjel Primarji se nkunu qed inniedu il-Junior Science Club, inizjattiva oħra ġdida, li ħdimt fuqha tul l-ewwel ġimgħat ta' din il-leġislatura. Bl pjaċir inħabbrilkom, li wara li kont għamilt talba lis-Surmast tal-Iskola Primarja sabiex is-sala tal-iskola tissemma għall-mibki u qatt minsi, l-ex Superjur u għalliem, Nazzareno Farrugia, b'sodisfazzjoni ngħid li l-komunita' tagħna, illum kisbet aktar milli kien mitlub. Dan għaliex issa l-isem ta' waħda miż-żewġ skejjel issa inbidel għal Skola Primarja Nazzareno Farrugia. Illum isem Żaren mhuwiex biss miktub fuq il-ħitan jew fuq xi rħama, imma se jibqa' ħaj f'binja edukattiva, li kuljum tilqa' mijiet tat-tfal flimkien mal-għalliema tagħhom. Fuq kull dokumentazzjoni, kemm manwali u kemm diġitali, se jkun hemm imnaqqax isem Nazzareno Farrugia, li għamel tant ġid f'diversi oqsma fil-lokal tagħna. Kburi, li anke jien tajt is-sehem tiegħi sabiex din il-proposta tiġi ppreżentata mill-Kunsill tal-Iskola Primarja bl-aktar mod effettiv, u hawn irrid nirringrazzja kemm is-Surmast is-Sur Lorian Busuttil Naudi u l-kunsill tal-iskola, li qablu unanimament ma' din id-deċiżjoni, kif ukoll lill-awtoritajiet edukattivi, li laqgħu din il-proposta. Kont mitlub mill-iskola biex inżomm il-kunfidenzjalita' matul il-proċess, ħdimna bil-kwiet u wasalna. Nirringrazzja wkoll lis-Surmast Deo Grech, mhux biss għall-appoġġ u l-koperazzjoni tiegħu, imma għall-entużjażmu kbir li qed juri fit-tmexxija tal-iskola Primarja l-oħra li hi msemmija għal Dun Ġużepp Zerafa.

Sadanittant inkompli għaddej bil-ħidma tiegħi fir-responsabbilitajiet afdati f'idejja mhux biss fil-qasam edukattiv, fejn ittieħdu diversi inizjattivi oħra fl-aħħar xhur, imma wkoll fit-tħejjijiet, li diġa bdew b'rabta mal-Milied, fejn fil-ġimgħat li ġejjin nibdew naraw ukoll inizjattivi ta' aktar armar fit-toroq u l-pjazez tagħna. U finalment inwassal ukoll fi tmiem il-pubblikazzjoni tal-istorja tal-Fgura, ktejjeb li ili noħlom fuqu s-snin , imma li komplejt naġġorna, grazzi għall-kuntatti li komplejt nistabilixxi matul is-snin.

Ippermettuli, qabel nagħlaq, kelma ta' ringrazzjament lil Fr Raymond Calleja, li l-ewwelnett kien konfermat mill-ġdid bħala Kappillan tagħna, u li dejjem insibuh ta' għajnuna. Nirringrazzjah talli ġentilment poġġa din il-Knisja għad-dispożizzjoni tagħna, u tal-paċenzja li jieħu biha. Irrid f'din l-okkażjoni nirringrazzja lill-Provinċja Karmelitana, li għażlet li tibqa' tagħti s-servizz fil-parroċċa tagħna, minkejja d-diffiklutjiet, li għaddejja minnhom, u nagħtu

merħba lis-sacerdoti li se jkunu qed jiffurmaw parti minn din il-komunita'. Grazzi għażiz Proviċjal, Patri Charles Mallia, li illejla aċċettajt l-istedina tagħna u tinsab fostna. Nawgura wkoll lil Patri Joe Saliba, li issa, wara li temm il-ħidma tiegħu bħala Provinċjal, se jkompli jagħti servizz fil-parroċċa tagħna bħala Pirjol ta' din il-komunita'.

Fostna illum hawn ukoll ex Sindki u ex-Kunsilliera, li magħhom ħdimt matul dawn l-aħħar 30 sena. Imma ppermettuli insellem lill-ewwel Sindku tal-Fgura, is-Sur Anthony Degiovanni u l-ewwel Segretarju tal-Kunsill Lokali, Is-Sur Oreste Alessandro, li ħdimt magħhom u llum qed jonorawna bil-prezenza tagħhom. Minkejja kull nuqqas ta' qbil, li jista' kien hemm, nemmen li lkoll kemm aħna l-interess tagħna huwa l-ġid tal-lokal. U llum qed insarrfu l-frott ta' ħidma, li twettqet minn kullħadd. Meta nitkellmu, l-aħna flimkien għandu jkun akbar mill-"Jien".

Fl-aħħarnett nirringrazzja lilek Sur Sindku, is-Sur Clayton Cascun Portelli tal-fiduċja li wera fija, tal-appoġġ u s-sapport tiegħu, minkejja kull pressjoni. Hemm mumenti fejn naqblu, u fejn ma naqblux, imma dejjem nippruvaw inżommu relazzjonijiet mill-aqwa. U kif wegħidtek, għamilt ħilti biex l-ewwel Jum il-Fgura tiegħek bħala Sindku ikun suċċess.

Filwaqt li nawguralkom ilkoll, il-kumplament ta' serata mill-aqwa, nistedinkom biex nħar il-Ħadd filgħodu, nerġgħu niltaqgħu hawnhekk għall-quddiesa ta' radd il-Ħajr, b'ringrazzjament lil Alla u lill-Patruna tagħna l-Madonna tal-Karmnu, għal dawn l-aħħar 30 sena ta' ħidma, impenn u servizz b'risq ir-residenti u l-għaqdiet kollha tal-Fgura. U kif dejjem ngħid nibqa' miegħek, u dejjem qrib tiegħek.

Grazzi ħafna.

# Appendiċi 2 - Manwal tal-Festa - Abbozz

Introduzzjoni

F'Diċembru 2023 kien deċiż li l-Festa Maltija  tkun rikonoxxuta uffiċjalment bħala Wirt Intanġibbli tal-Umanita' mill-UNESCO.

Dan ir-rikonoxximent ingħata b'approvazzjoni tal-18-il Sessjoni tal-Kumitat Intergovernattiv għall-Ħarsien tal-Patrimonju Intanġibbli tal-Umanitá li kien qed isir fil-Botswana, wara li kienet saret applikazzjoni mill-Awtoritajiet Maltin.

Il-festa Maltija kienet rikonoxxuta għall-valuri komunitarji li tippromwovi, il-promozzjoni tal-arti u l-inklussivitá.

Il-festa hi  appuntament annwali ta' kull belt u raħal f'Malta li anke jekk taf l-għeruq tagħha għal ċelebrazzjonijiet li jsiru f'pajjiżi oħrajn, inkluż fi Sqallija u Spanja, illum ħadu ħajja għalihom u saru attività unika fid-dinja. Mill-pavaljuni u l-bandalori, il-vari artistiċi għan-nar tal-art u tal-ajru, sad-damask u l-fided u l-funzjonijiet tal-Knisja, issa l-festa Maltija għandha  apprezzament internazzjonali.

L-applikazzjoni tal-Festa Maltija kienet ippreżentata mill-Għaqda Każini tal-Banda u sabet l-appoġġ sħiħ tal-Kurja Maltija u l-komunitajiet tal-festi Maltin.

Din nid-deċiżjoni titfa' responsabbiltà fuqna  li naraw li l-festi jkomplu jimxu 'l quddiem. Iżda hija sinjal b'saħħtu  ta' fiduċja fil-ħafna u ħafna voluntiera, li litteralment jiddedikaw ħajjithom biex matul is-sena jtellgħu festi mill-isbaħ.

Il-Kunsill Lokali tal-Fgura f'dawn l-aħħar snin żied l-appoġġ lill-għaqdiet tal-festa fil-lokal tagħna, u għalhekk tħejja dan il-manwal biex iservi ta' gwida għall-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali.

1. Ko-ordinazzjoni bejn il-Kunsill Lokali,  l-għaqdiet u l-Parroċċa.

2. Ko-ordinazzjoni mal-Pulizija u l-LESA

3. Ko-ordinazzjoni mal-Awtorita' tat-Trasport Pubbliku

4. Permessi għall-Gabbani tal-Ikel u x-xorb, tal-Qubbajt u tat-Toys

5. Permessi għall-Kazini, Bars u Ristoranti (Tables and Chairs)

6. Projbizzjoni ta' Parkeġġ f'ċertu toroq.

7. Projbizzjoni għall-Permessi ta' xogħlijiet fit-Toroq/Djar Privati  fil-ġimgħa tal-Festa

8. Ko-ordinazzjoni Armar u Żarmar ta' Toroq

9. Permessi għal Ħruq ta' Nar fit-toroq u fuq bjut ta' każini/Djar

10. Għajnuna fil-Kiri ta' Makkinarju għall-armar

11. Kiri ta' Fire Engine

12. Servizz ta' generator

13. Attivitajiet Konġunti sabiex jinġabru fondi għall-Festi

14. Użu tas-Sala tal-Kunsill għall-Kunċerti

15. Ko-ordinazzjoni ta' Indafa (qabel u wara l-attivitajiet)

16. Servizz ta' Latrina u Kiri ta' Mobile Toilets

17. Manutenzjoni fit-Toroq (Road Markings, Soft Areas, Street Furniture)

18, Parteċipazzjoni attiva mill-Kunsill Lokali

19. Affarijiet Anċillari (Spot-On, Fjuri, Riċeviment, Drinks għall-Bandisti/ Reklamar fi Programi tal-festa, Tabelli

20. Għeluq

1. Ko-ordinazzjoni bejn il-Kunsill Lokali, l-għaqdiet u l-Parroċċa.

Sabiex il-Festa tilħaq l-iskop tagħha, matul is-sena u bi tħejjija għall-Festa jinżamm kuntatt regolari u jsir numru ta' laqgħat sabiex jindirizzati numru ta' diffikultajiet li jinqalgħu minn żmien għall-ieħor. Il-Festa tirrekjedi organizazzjoni sħiħa, kemm minħabba armar u żarmar, permessi u anke l-mod kif teffettwa terzi persuni, inkluż il-mobbilta', iż-żamma tal-indafa, is-sigurta' u t-trasport pubbliku.

Hu dover tagħna li r-relazzjonijiet tajba li bnejna matul is-snin ikomplu jissaħħu għall-ġid tal-komunita' kollha,

2. Ko-ordinazzjoni mal-Pulizija u l-LESA

Is-sehem tal-pulizija u l-LESA hu ta' mportanza kbira kemm fil-ġranet tal-Festa, imma anke qabel u wara, waqt l-armar u ż-żarmar.

Il-Kunsill Lokali jikkontribwixxi għall-ħlasijiet mogħtija minn dawn l-entitajiet, li huma essenzjali għax-xogħol volontarju imwettaq mill-membri tal-Kummissjoni Festa Esterna, b'mod partikulari waqt li jkun qed jiddendel l-armar fit-toroq, li jkun jinkludi ċeru drabi għeluq ta' toroq minħabba s-sigurta' tagħhom.

Il-pulizija jassistu fi ħruġ ta' permessi kollha relatati ma' affarijiet esterni, fosthom l-għeluq ta' toroq waqt li jkun qed jingħata n-nar, waqt l-attivitajiet esterni, kif ukoll minħabba l-armar u ż-żarmar.

Dan kollu jsir bl-approvazzjoni u l-koordinazzjoni tal-Kunsill Lokali, sabiex ukoll ma jkunx hemm kunflitt ma' terzi persuni. Matul il-ġranet tal-festa, din tieħu prijorita' fuq kull attivita' oħra fil-lokal.

3. Ko-ordinazzjoni mal-Awtorita' tat-Trasport Pubbliku

Jinħtieġ isiru diskussjonijiet ma' din l-Awtorita', biex jiġu provdut servizz alternattiv fil-ġranet tal-Festa, u mhux li titħassar ir-rotta kollha, Fost il-miżuri li jistgħu jittieħdu, hemm li f'ċeri ħinijiet, waħda mill-karrozzi tal-linja, li titlaq mill-Belt tista' tasal sar-roundabout magħruf tat-"Tiptop", u ddur lura lejn il-Belt Valletta. Ir-rotot l-oħrajn jgħaddu minn Triq id-Dejma, kif qed jagħmlu s'issa, u b'hekk ikunu qed jinqdew in-nies li joqogħdu f'dawn in-naħat. Is-servizz tal-karrozza li tmur l-Isla jkun sospiz biss għal ftit ħinijiet meta jkun għaddej xi marċ fi Triq San Tumas. Mill-bqija dan is-servizz jibqa' jingħata.

4. Permessi għall-Gabbani tal-Ikel u x-xorb, tal-Qubbajt u tat-Toys

L-applikazzjonijiet għal dawn il-permessi jintlaqgħu mill-Kunsill Lokali mhux aktar tard mill-ġurnata tal-Ġimgħa f'nofsinhar ta' qabel il-ġimgħa tal-Festa. Kull "stall" irid jarma fil-post allokat għalih mill-Kunsill, fuq bażi ta' first cpme-first served. L-istall tal-qubbajd biss jista' jarma quddiem il-Knisja. Il-gabbani tal-ikel jistgħu jarmaw quddiem l-iskola, fil-waqt li tat-"toys", fil-post indikat mill-Kunsill.

## 5. Permessi għall-Kazini, Bars u Ristoranti (Tables and Chairs)

Dawn il-permessi jingħataw skont struzzjonijiet mill-pulizija. L-organizzaturi tal-festa biss, jiġifieri il-Kummissjoni Festa Esterna u l-Każin tal-Banda biss jistgħu jarmaw "Stall" fuq barra l-premises tagħhom. Il-ħwienet kummerċjali l-oħra għandhom permess jarmaw quddiem it-tul tal-ħwienet tagħhom, imma fil-parking lane biss u'jew fuq il-bankina. Importanti li jiġu rispettati l-funzjonijiet reliġjużi/soċjali li jkunu qed isiru fit-toroq, li huma l-qofol tal-festa. Armar ta' mwejjed u siġġijiet jistgħu jintalbu jew jiġu ordnati jitneħħew f'ċertu ħinijiet jekk ikunu qed jeffettwaw l-andament tal-attivitajiet fil-berah, fosthom waqt l-għoti tan-nar.

## 6. Projbizzjoni ta' Parkeġġ f'ċertu toroq.

Jingħataw direttivi b'avviżi minn qabel dwar projbizzjoni ta' parkeġġ kemm fil-ġranet tal-festa u anke waqt l-armar. Dan hu essenzjali għas-sigurta' ta' kulħadd. Kull projbizzjoni tkun ippubblikata fil-gazzetta tal-Gvern u fuq il-website tal-Kunsill Lokali.

## 7. Projbizzjoni għall-Permessi ta' xogħlijiet fit-Toroq/Djar Privati  fil-ġimgħa tal-Festa

Matul il-ġimgħa tal-Festa, mhux permess li jsiru xogħlijiet infrastrutturali fit-toroq. Il-Kunsill Lokali m'għandux joħroġ permessi għal cranes, highlifts, cherry pickers lil sidien privati matul il-ġimgħa tal-festa. Għandu jitpoġġa avviz fuq il-website/paġna soċjali tal-Kunsill Lokali xahar qabel il-festa, sabiex kulħadd ikun avżat minn qabel dwar dan. L-għoti ta' permessi simili jistgħu iwasslu biex jikkawżaw ħsarat fl-armar, li jkun irrid jissewwa f'ħin qasir u bir-rizorsi limitati tal-voluntiera, li diġa ikunu impennjati f'ħidma oħra.

Din il-miżura hi intiża wkoll biex kulħadd ikun konxju li għandna bżonn napprezzaw aktar il-ħidma volontarja.

## 8. Ko-ordinazzjoni Armar u Żarmar ta' Toroq/Pjazez u postijiet pubbliċi

Il-Kummissjoni tibgħat minn qabel programm ta' fejn ikun hemm bżonn is-servizz tal-LESA waqt l-armar u ż-żarmar pubbliku. Il-Kunsill Lokali minbarra li jipprovdi s-servizz tal-LESA u l-permessi neċessarji, jara li fil-ħinijiet u t-toroq indikati ma jingħatawx permessi għall-attivitajiet/permessi minn terzi persuni.

## 9. Permessi għal Ħruq ta' Nar fit-toroq u fuq bjut ta' każini/Djar

Jittieħdu l-passi neċessarji flimkien mal-Pulizija sabiex il-ħruq kollu tan-nar isir b'mod sikur għall-pubbliku, filwaqt li l-Kunsill Lokali jipprovdi fire-engine bħala prekawżjoni.

## 10. Għajnuna fil-Kiri ta' Makkinarju għall-armar

Il-Kunsill Lokali jgħin fil-kiri tal-makkinarju kollu neċessarju għall-armar u ż-żarmar qabel u wara l-festa, inkluż cherrypickers, vannijiet, servizzi ta' crane ecc.

## 11. Kiri ta' Fire Engine

Is-servizz ta' fire-engine hu essenzjali waqt il-ħruq tan-nar. Dan hu sevizz ieħor essenzjali minħabba s-sigurta' tal-pubbliku, u jiġi provdut ukoll mill-Kunsill Lokali.

## 12. Servizz ta' generator

Il-ħtieġa li jkun hemm servizz ta' elettriku f'kull ħin huwa mportanti f'postijiet fejn jinġema' l-pubbliku. Nuqqas ta' elettriku jista' joħloq inċidenti u abbużi. Għaldaqstant, il-Kunsill Lokali, konxju mis-sigurta' tan-nies,  għandu jipprovdi servizz ta' generator f'każ li tinqala' xi emergenza, li ma tkunx ippjanata.

## 13. Attivitajiet Konġunti sabiex jinġabru fondi għall-Festi

L-organizzazjoni ta' attivitajiet soċjali għall-komunita' saru parti importanti biex jinġabru l-fondi neċessarji għall-festa. Il-Kunsill Lokali jikkometti ruħu li jkomplu jkun ta' spalla għall-komunita' u għall-organizazzjoni tal-festa billi jgħin u jkun parteċipi fiż-żewġ attivitajiet soċjali organizzati mill-għaqdiet rispettivi fil-ġimgħatejn ta' qabel il-festa.

## 14. Użu tas-Sala tal-Kunsill għall-Kunċerti

Il-Kunsill Lokali, sa mill-inawgurazzjoni taċ-ċentru amministrattiv, dejjem poġġa s-Sala tal-Kunsill Lokali għad-dispozizzjoni tal-għaqdiet lokali. Il-Kunċert ta' Lejliet il-Festa huwa wieħed mill-okkażjonijiet importanti, minn fejn joħroġ it-talent lokali, u għaldaqstant il-Kunsill ikompli jimpenja lilu nnifsu biex jara li s-Sala tal-Kunsill tkun tista' tintuża għar-rehearsals neċessarji, qabel il-Kunċert.

## 15. Ko-ordinazzjoni ta' Indafa (qabel u wara l-attivitajiet)

Importanti li jkun hemm ko-ordinazzjoni tajba biex l-iskart ġenerat wara l-attivitajiet kollha jinġabar mill-ewwel wara l-attivitajiet, b'mod partikolari l-attivitajiet li jsiru fi tmiem il-ġimgħa. Dan japplika għall-attivitajiet organizzati mill-Kummissjoni Festa Esterna u l-Għaqda Mużikali u Soċjali Madonna tal-Karmnu, kif ukoll fil-ġranet kollha tal-ġimgħa tal-Festa.

Il-Ħadd f'Jum il-Festa isir ukoll il-ħasil tat-triq u l-ġbir tal-iskart ġenerat wara l-marċ ta' filgħodu, b'mod partikolari fi Triq il-Karmelitani u fir-rotta tal-purċissjoni.

## 16. Servizz ta' Latrina u Kiri ta' Mobile Toilets

Matul il-ġimgħa tal-Festa il-Latrina Pubblika tibqa' miftuħa sa tard filgħaxija hekk kif ikun deċiż mill-Kunsill Lokali.

Jinkrew mobile toilets fil-ġranet tal-festa u fil-ġranet meta jsiru attivitajiet fil-berah, bħal Fgura Fest u Lejla Maltija.

## 17. Manutenzjoni fit-Toroq (Road Markings, Soft Areas, Street Furniture)

Isir tindif tas-soft areas kollha, b'mod partikolari dawk fit-triq prinċipali u fit-toroq fejn isiru xi tip ta' attivitajiet pubbliċi bħall-narċi u l-purċissjoni. Isir ukoll l-affreskar tar-"road markings", u tingħatta attenzjoni lit-tabelli u l-istreet furniture, Dan hu importanti anke għall-immaġini tal-Kunsill Lokali fi ġranet fejn mhux biss jinġabru aktar nies fit-toroq, imma anke iżuruna nies Maltin u barranin minn barra l-lokal.

## 18, Parteċipazzjoni attiva mill-Kunsill Lokali

Il-Kunsill Lokali għandu jara li jkun rappreżentat fl-attivitajiet kollha li jkunu organizzati f'dawn il-ġranet, b'mod partikolari il-Quddiesa tal-Festa  u l-Kunċert ta' Lejliet il-Festa.

## 19. Affarijiet Ancillari (Spot-On, Fjuri, Riċeviment, Drinks għall-Bandisti/ Reklamar fi Programi tal-festa, Tabelli

Il-Kunsill Lokali jagħmel l-almu possibbli sabiex ikun ta' għajnuna u ta' sapport għas-suċċess tal-Festa, u fejn isiru talbiet ġustifikati. Dan jinkludi il-kiri ta' spot-on fuq l-istatwa titulari waqt l-aħħar parti tal-purċissjoni quddiem il-Knsija, reklamar fil-programm tal-festi, bukkett fjuri quddiem l-istatwa titulari, u tneħħija ta' tabelli b'mod temporanju, fejn dawn joħolqu diffikulta'.

Jekk il-fondi jippermettu isir riċviment għall-għaqdiet u voluntiera, u jingħata drink lill-bandisti. Jekk ikun possibbli, u sakemm ma ssirx ħsara lill-bini tal-Kunsill, isir ħruq tan-Nar minn fuq il-bejt tal-Kunsill.

## Għeluq

20. Il-Kunsill Lokali iżomm id-dritt li jista' jbiddel jew jemenda partijiet minn dan il-manwal.

Mark Lombardo

Kunsillier responsabbli mill-Festa tal-Parroċċa

## Appendiċi 3 - Rapport Annwali tal-Librerija ghas-Sena 2024.

**Studenti:**

Studenta mill-MCAST li għamlet 20 siegħa ta' xogħol Komunitarju.

**Jum Dinji tal-Ktieb**

Ġiet organizzata 'Ġurnata tal-Ktieb' fis16 ta' April 2024 flimkien mal-Kunsill Lokali, fejn kellna zjarat mill- klassijiet kollha tal-Iskejjel Primarji A u B.

F'din il-ġurnata żaruna żewg kittieba Maltin, Carmel G. Cauchi u Charles Casha. Frank Schembri l-Illustratur ukoll kien mistieden.

**Self ta' Kotba**

10,544 kotba b'self ghas-sena 2024.

**Donazzjonijiet**

Kellna donazzjoni ta' elf ewro Kotba mill-Malta Libraries.

Il-Kunsill tal-Fgura ta 17 il-Ktieb gdid.

Il-Pubbliku ta donazzjoni ta' 400 ktieb użati, u li kienu fi stat tajjeb.

**Membri ġodda**

Mill-ewwel ta' Jannar 2024 sa l-ahhar ta' Dicembru 2024 inkitbu madwar 350 membri godda.

Rapport imħejji mil-Librara Marlene Gerada u Adrian Vella

*Ħajr*

*lill-Amministrazzjoni, l-istaff klerikali u manwali*

*tal-Kunsill Lokali*

*tal-kollaborazzjoni tagħhom,*

*u lill-familja tiegħi*

*għas-sapport tagħhom*

# JOSIANNE SCICLUNA

*Progress ta' Ħidma 2024*
*Responsabbli mit-Trasport Pubbliku u Nisa Fis-Soċjetà*

**Lulju – Diċembru 2024**

## ATTIVITA' NISA FIS-SOCJETA'

**L-Ewwel Attivita' – Stedina għan-nisa tal-lokal fis-sala tal-Kunsill Lokali – 25 ta' Lulju 2024**

L-ewwel attivita' stedina għan-nisa tal-lokal fis-sala tal-Kunsill Lokali. Laqgħa ta' diskussjoni introduzzjoni għal attivitajiet sabiex aktar nisa jagħmlu kuraġġ fil-ħajja tagħhom u jħarsu lejn il-ħajja b'pożittivita'.

Mistiedna sabiex jitkellmu waqt l-attivita':

Onorevoli Alison Zerafa Civelli, Dr.Josianne Cutajar, Onorevoli Dr. Amanda Spiteri Grech, Onorevoli Katya De Giovanni, Onorevoli Bernice Bonello, Onorevoli Julie Zahra, Dr. Miriana Testaferrata de Noto.

Mistiedna s-Sindku kif ukoll il-kunsilliera tal-Fgura.

Stedina mil-lokal lis-Sur Andre' Mizzi żagħżugħ ta' 16-il sena sabiex jippreżenta din is-serata.

Għal din l-ewwel attivita' kien hemm attendenza sabiħa ta' nisa mil-lokal tal-Fgura.




Il-Mistiedna .



L-Onorevoli Alison Zerafa Civelli għamlet il-ftuħ ta' din is-serata u tkellmet fuq il-ħidma tal-Kunsill Lokali u l-importanza li naħdmu u nkunu viċin in-nies.





Ritratt tal-attendenza min-nies preżenti fis-sala.














Il-Mistiedna Dr.Josianne Cutajar, Onorevoli Dr Katya De Giovanni, Onorevoli Dr.Amanda Spiteri Grech, Onorevoli Sa Bernice Bonello, Dr. Miriana Testaferrata de Noto, Onorevoli Julie Zahra, tkellmu fuq il-ħajja tagħhom kif bħala nisa waslu għal studju , ix-xoghol u kif ilaħħqu mal-familja tagħhom. Tkellmu u ħeġġew nisa oħra sabiex ikunu pożittivi fil-ħajja tagħhom u ma jaqtgħux qalbhom. Waqt din l-attivita' kont tkellimt u spjegajt lin-nies preżenti li din kienet ser tkun il-bidu ta' sensiela t'attivitatjiet sabiex ma nħallux nies fis-solitudni.



Is-serata giet fi tmiem b'diskors tas-Sindku Sur Clayton Cascun Portelli.



## It-Tieni Attivita’ – Ħarġa għal Għawdex 8 t’Awwissu 2024

Din l-attivita’ saret sabiex ir-residenti jkunu jistgħu jesperjenzaw kemm hu faċli li wieħed juża s-servizz tat-Trasport Pubbliku alternattiv, dak tal-*Ferry* bejn il-Kottonera u l-Belt Valletta, u mill-Belt Valletta u Għawdex. Il-ħarġa kienet tikkonsisti wkoll dawra mal-gżira Għawdxija bil-*Hop On/ Hop Off site seeing bus* fejn waqafna f’diversi postijiet. Żorna diversi postijiet t’interess, bħal **Ta’ Savina, Magri Brothers** fejn kellna tour madwar il-fabbrika kif ukoll informazzjoni kif jagħmlu l-prodotti tagħhom. Wara morna diversi postijiet oħrajn, bħal knisja Ta’ Pinu, il-belt Victoria, Marsalforn u waqafna x-Xlendi fejn waqafna għal pawsa għall-ikel fejn kien hemm min seta’ jinżel jgħum. Wara rritornajna lura bil-*Fast Ferry* lura lejn Malta. Kellna attendenza sabiħa ħafna ta’ nies li esperjenzaw għall-ewwel darba dan il-mezz ieħor alternattiv tat-trasport bil-baħar – *Fast Ferry*.






GOZO
HIGHSPEED
HARBOUR
CRUISE






HANDMADE
NATURAL
FOOD









## Ħolqien ta' Sotto kumitat 'Nisa fis-Soċjeta' – Awwissu 2024

## It-Tielet Attivita' – Inklużjoni – 30 t'Awwissu 2024

Attivita' ta' diskussjoni bil-parteċipazzjoni ta' nisa prominenti fis-soċjeta'. Bħala mistiedna kellna l-President Emeritus Mary Louise Coleiro Preca, l-onorevoli Graziella Galea, Dr Marica Gatt, il-kummissarju tal-Persuna b'Diżabillita' Rhoda Garland u l-viċi sindku is-Sur Darren Marmara. Waqt l-attivita', li saret fis-sala tal-Kunsill Lokali, il-mistednin tkellmu fuq kif il-persuni b'diżabilita' ikunu nklużi sabiex jipparteċipaw fix-xogħol u fil-komunitajiet tagħna. Uħud mill-kelliema qasmu esperjenzi personali tagħhom magħna.












Kunsill Lokali
Fgura

### Ir-Raba’ Attivita’ – Ħarġa ‘*Imdina by Night*’ – 20 ta’ Settembru 2024

Saret ħarġa kulturali fejn hawnhekk, in-nisa fis-soċjeta’, kellhom opportunita’ li nżuru l-*Imdina Experience and the Knights of Malta*. Wara li żorna dawn iż-żewġ attrazzjonijiet, kellna mixja flimkien fejn dorna ma’ l-Imdina u kellna waqfa għal kafe’ u ftit *socializing*. Din kienet ħarġa ta interess fejn kien hemm min esprima li qatt qabel ma kien attenda għal dawn l-attrazzjonijiet. Dan kien jidher sew minħabba li kull min attenda verament ħa gost.













THE
KNIGHTS
OF
MALTA
AN EPIC ADVENTURE EXPERIENCE

### Il-Ħames Attivita' – Sessjoni ta' Rilassament, 'Hatha Yoga u Żjut Essenzjali' (Wellness and Wellbeing) – 27 ta' Settembru 2024

Parteċipazzjoni ta' nisa t'etajiet differenti fejn għal din is-sessjoni kellna l- Hatha Yoga, li tiffoka kif tieħu ħsieb is-saħħa mentali u l-posture u n-nifs waqt li tagħmel eżerċizzju ħafif li jtaffi l-uġiegħ tad-dahar, l-għonq u kwalunkwe uġiegħ ieħor fil-ġogi. Matul din is-sessjoni użajna żjut essenzjali bħal-lavanda, larinġ u minta sabiex jiġi prattikat aktar fil-fond fir-rilassament. Din l-attivita' kienet immexxija mis-sinjura Joyce Muscat li hija mħarrġa u ċċertifikata fuq dan is-suġġett.









FGURA



### Is-Sitt Attivita' – Ħarġa filgħaxija ġewwa l-Birgu – 11 t'Ottubru 2024

*Birgu by Night* fejn żorna l-fortifikazzjoni tal-Forti Sant' Anġlu u dorna l-post flimkien mal-gwida ta' Heritage Malta fejn stajna nisimgħu fuq l-istorja u fl-istess ħin napprezzaw il-ġmiel tal-port minn fuq is-swar. Wara għamilna mixja żgħira u waqafna nieħdu xi ħaġa żgħira flimkien.


















CARGO




## Is-Seba' Attivita' – Pink October u Movember – 30 t'Ottubru 2024

Preżenti għal din l-attivita' kellna lil Marigold Foundation, Hospice Malta, Europa Donna Malta, Malta Male Cancer Support, lis-sinjura Joyce Muscat u nurse kwalifikata is-sinjura Maryrose Micallef flimkien mas-sindku Clayton Cascun Portelli. Għarfien u informazzjoni fuq il-mard tal-kanċer fejn tkellmu diversi persuni minn NGOs differenti li kienu mistednin waqt din is-serata'. Ir-residenti kellhom l-opportunita' sabiex jagħmlu it-testijiet taz-zokkor u tal-pressjoni mingħajr ħlas minn infermiera kwalifikata. Fl-aħħar tas-serata, inġabret donazzjoni minn dawk preżenti għall-NGOs Marigold Foundation, Hospice Malta u Europa Donna. Dakinhar ukoll tqassmu *cup cakes* b'xejn lil kull min attenda.










Kunsill Lokali
Fgura
POWER WITHIN#

POWER WITHIN#



POWER WITHIN#





## It-Tmien Attivita' – Ħarġa fiż-Żurrieq qalb in-Natura – 16 ta' Novembru 2024

Approċċ ħolistiku lejn in-natura, taħdita edukattiva, sessjoni ta' *Mindfulness* u tagħlim bl-użu tal-ħxejjex aromatiċi imtella' mis-sinjura Joyce Muscat. Din kienet ħarġa f'Ħal Millieri fiż-Żurrieq fejn kellna l-opportunita' li nduru qalb l-għelieqi u ngħaddu minn fejn siti storiċi f'dawk iz-zoni ta' Ħal Millieri.







HAL - MILLIERI
AREA








**Id-Disa' Attivita' – Attivita' Xmas Crafts Workshop – 29 ta' Novembru 2024**

Għal din l-attivita' r-residenti kellhom l-opportunita' li jattendu l-kunsill fejn setgħu jaraw kif wieħed għandu jagħmel ix-xemgħat (mis-sinjura Joyce Muscat), ornamenti magħmulin mir-reżina tal-crafts (mis-sinjura Maryrose Ghiller), kif ukoll kif jagħmlu kartolina tal-Milied (mis-sinjura Maria Cini). Ma' l-attendenza ta' din l-attivita', ittella' kors tat-tisjir b'xejn lil waħda mil-parteċipanti li attendiet din l-attivita'.















LOKALI



## l-Għaxar Attivita' – Preparing Mulled Wine Xmas Recipe Drink – 18 ta' Diċembru 2024

Waqt din is-serata, sajjarna il-Mulled Wine u kellna taħdita mis-sinjura Joyce Muscat fuq *Health Benefits* għall-użu ta' l-ispices u l-ingredjenti f'din ir-riċetta. Kellna serata sabiħa tal-Milied fejn kien mistieden il-kantant Tristan B biex jallegra s-serata. Ma kienx jonqos li jkun hemm ukoll xi tnaqqir waqt u wara s-serata li ħadu ħsiebha s-sotto kumitat. Waqt is-serata inġabret donazzjoni b'risq il-Community Chest Fund li ġiet preżentata waqt l-Istrina.















## Ħidma Dekasteru Trasport Pubbliku

Ressaqt mozzjoni sabiex il-vann tal-Kunsill Lokali jkollu sistema ta' *Tail Lift* u b'hekk persuni li jagħmlu użu minn wheel chair ikunu jistgħu jużaw is-servizz ta' dan il-vann.

Ressaqt mozzjonijiet sabiex nagħmlu bus shelters fi Triq San Tumas li jinsab lejn il-ground tal-football u fi Triq id-Dejma bus shelter li jinsab fejn Bulebel.

Flimkien mas-Sindku Sur Clayton Cascun Portelli morna u ltqajna ma’ Transport Malta u mal-ħaddiema li jaħdmu fil-Ministeru ta' Trasport Pubbliku fejn ressaqna suġġerimenti ta' residenti tagħna u tlabna sabiex ikollna karozza li titlaq vojta mill-Fgura, minħabba l-ammont ta' nies li qegħdin jibqgħu fuq stages dan għaliex il-karozzi Tal-linja jgħaddu full up.

Ressaqt mozzjoni oħra f'Diċembru sabiex nerġgħu niltaqgħu ma’ Transport Malta u mal-Ministru ta' Trasport Pubbliku Chris Bonett kif ukoll mas-Sindku tal-Birgu u nitolbu sabiex Karozza number 2 li tmur il-Birgu tibda’ tgħaddi mill-Fgura, dan sabiex ir-residenti tal-Fgura jkollom aċċess li jinżlu quddiem stage tal-linja li hemm ħdejn il-fast ferry li tieħdok il-Belt Valletta u jkunu jistgħu jagħmlu użu minn dan is-servizz. Fl-istess ħin, in-nies li joqgħodu l-Birgu jkunu jistgħu jiġu l-Fgura bis-servizz ta' tal-linja u nnaqqsu t-traffiku lejn iż-żewg lokalitajiet.

Apparti dan kollu attendejt diversi konferenzi u taħrig li għandu x'jaqsam mal-ħidma tiegħi fil-Kunsill Lokali, grazzi għal-Local Councils' Association Malta.

Inħares ‘il quddiem sabiex din is-sena nkompli naħdem għall-ġid tar-residenti tagħna u nkompli nkun il-vuċi tagħhom fil-Kunsill Lokali tal-Fgura.

Josianne Scicluna

Kunsilliera

Fgura

Izak Catania De Giovanni

June 2024: Officially sworn into office, marking the beginning of my journey to bring meaningful change and innovation to the council.

August 2024: Initiated discussions and planning sessions focused on developing a mobile app for the council. These early meetings laid the groundwork for the app's features and objectives, aiming to enhance communication and accessibility for the community.

September - November 2024: Despite limited visible progress during this period, I actively engaged with the public. One highlight was attending a significant event where I had the opportunity to connect with local youths, listening to their ideas and concerns to better understand their needs.

December 2024 - January 2025: Progress resumed in earnest. We began work on implementing a modern ticketing system for the council, aimed at streamlining processes and improving user experience. I also engaged with Fgura United to explore potential collaborations and opportunities for community development. Additionally, initial steps were taken to organize a 3D printing course at Esplora, an initiative designed to foster creativity and innovation. Work on the council app resumed with renewed focus, ensuring we stay on track to deliver a useful and impactful tool for residents.